MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2007

Rikors Numru. 1871/2006/1

**Carmel D'Amato u martu Rita D'Amato**
**vs**
**Perit Edgar Rossignaud u martu Maddeline Rossignaud**

Il-Qorti,

Regghet rat ir-rikors;

Rat id-digriet taghha precedenti;

Rat ir-risposta ta' l-intimati;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet ix-xhieda kollha illi gew prodotti;

Semghet lill-Avukati jitrattaw;

Rat l-Artikolu 873 u 874 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi r-rikorrenti talbu l-hrug ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni sabiex iwaqqfu lill-intimati milli jkomplu x-xoghol fuq il-hajt ta' l-appogg li hemm bejn il-proprjeta tar-rikorrenti u l-proprjeta tal-intimat in kostruzzjoni, kif ukoll li ma isaqqfux ma l-istess hajt, fuq dan l-istess hajt u l-hajt l-iehor li ittella bhala qoxra u dana peress illi skond ir-rikorrenti imur kontra l-ftehim li sar bejn ir-rikorrenti u l-intimati kif pubblikat fil-31 ta' Mejju 2006.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti kellha l-opportunita illi tezamina l-ftehim milhuq bejn il-partijiet fil-31 ta' Mejju 2006, liema ftehim jinsab esebit f'dawn l-atti a fol. 11 sa fol. 14 ta' dawn il-proceduri.

Illi l-klawsola 2 (d) ta' l-istess kuntratt jitkellem kif gej :
"Il-konjugi Rossignaud jobbligaw ruhhom li itellghu fl-art taghhom hajt tal-appogg gdid mal-hajt tal-appogg ezistenti sabiex is-soqfa tal-konkos tal-bini gdid ma ikunux jistriehu fuq il-hajt tal-appogg ezistenti izda ikunu jistriehu fuq il-hajt tal-appogg il-gdid";

Inoltre l-klawsola 3 ( c) ta' l-istess kuntratt jitkellem kif gej :
"Il-konjugi D'Amato ikollhom id-dritt li f'kaz ta' necessita ihottu u jibnu mill-gdid a spejjez taghhom u minghajr dritt ta' kumpens minghand il-girien il-hajt tal-appogg ezistenti illum mill-livell tal-basement tal-fond ezistenti illum 'il fuq u f'liema kaz il-hajt tal-appogg gdid ikun jappartjeni lis-sidien tal-fond u tas-sit cioe il-hajt il-gdid ikun hajt tal-appogg komuni";

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta pjenament u minghajr l-ebda ombra ta' dubbju mill-provi prodotti illi meta l-intimat qabez il-bejt tar-rikorrenti huwa hass illi kellu jserrah fuq l-appogg komuni apparti illi jserrah wkoll fuq il-qoxra tal-hajt li tella hu u peress illi sar hekk l-istess intimat jaqbel li mhux ser ikun

aktar possibbli li r-rikorrenti ihott u jibni mill-gdid il-hajt ta' l-appogg;

Illi dan kollu imur kontra dak illi ftehmu l-partijiet volontarjament permezz tal-ftehim imsemmi aktar 'il fuq f'dan id-digriet;

Ghaldaqstant il-Qorti tara illi gew sodisfatti ir-rekwiziti tal-Artikolu 873 tal-Kap. 12 sabiex jinhareg Mandat ta' Inibizzjoni kif mitlub u dana peress illi tali Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti peress illi irrizulta wkoll illi r-rikorrenti prima facie jidhru illi ghandhom dawk il-jeddijiet. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa t-talba u tordna l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif mitlub.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------